**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sean u Christine Gerada

vs

Kevin Sciberras - Digital Eye

CCT 74/18/MS

19 ta' Gunju 2019,

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrenti Christine u Sean Gerada ipprezentat fil-21 ta' Mejju 2018 fejn talbu lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta' €2,706 prezz ta' pakkett ta' servizz fil-fotografija u servizzi ohra relatati, in konnessjoni mat-tieg taghhom wara li l-konvenut ma onorax il-ftehim maghmul bejniethom.

Ra illi minkejja li l-konvenut gie debitament notifikat b'dawn il-proceduri permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ma dahhal l-ebda risposta u ma deherx quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu - la fit-13 ta' Frar 2019 u lanqas meta l-kawza thalliet ghal provi tieghu ghas-27 ta' Marzu 2019.

Ra illi fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2019 il-kawza thalliet ghas-sentenza .

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi mill-provi rrizulta li r-rikorrenti bbukkjaw servizz ta' ritratti u video ghat-tieg taghhom minghand l-intimat. Il-pakett kien jiswa €1600 (exc vat) u kien jinkludi *pre- u post-wedding photography, 20 x 16 print, photography and video service in HD* fil-gurnata tat-tieg, *personalised guest book, editing of digital Wedding Book, CD with photos in High Resolution u 3 HD DVD's.* (Ara Dok A). Dan kollu kellu jitlesta fi zmien xahrejn mit-tieg. It-tieg sar fil-15 ta' Lulju 2016.

Ikkunsidra

Ir-rikorrenti tghid li huma hallsu €1,300 u minn dawn l-affarijiet kollha, kull ma hadu kienu 12 *pre-wedding photos (soft copies)* minghajr *editing*, il-*personalised guest-book*, il-*pre-wedding canvas* u CD normali li ma kienx *High Resolution*, ma kien fih ebda *editing* u li l-bicca l-kbira tar-ritratti huma *duplicates*. Ir-rikorrenti tghid ukoll illi apparti dan kollu, kellhom jinghataw kaxxa tal-injam bil-USB u 15 *images* biex jaghtuhom lil genituri taghhom. Ir-rikorrenti tghid illi baqghu bla *video* u minghajr ebda ritratti f'idhejom (hard-copies). U peress illi c-CD kien low resolution dawn ir-ritratti ma setghux jigu *edited*. Ir-rikorrenti tilmenta wkoll mill-fatt illi lanqas ghandha ritratt taghha hierga mid-dar. Tghid illi kienu hallsu lill-intimat ghall-affarijiet illi hadu (ezempju tal-*pre-wedding*) u hallsu wkoll ghal nofs il-*video* li baqghu minghajru. Ir-rikorrenti tghid illi kien cemplilha certu Charlot li jahdem mal-intimatt li staqsiha ghaliex ma marritx ghal *video* u meta cemplet lil Kevin biex issaqsih dwar dan, qallha li tiehdu meta jkun lest ix-xoghol kollu. L-intimat beda ma jirrispondix it-telefonati taghhom u meta talbet kopja tal-*video* lil Charlot talabha €400. Tghid ukoll illi f'Novembru 2017 kienet baghtet *email* fejn indikat li riedet certi ritratti *High Resolution*, izda minkejja l-isforzi taghhom, baqghu ma hadu xejn, is-servizz ma kienx sodisfacenti, l-intimat ma kienx disponnibbli u l-*video* baqa' mhux konsenjat. Gew ezebiti ukoll emails (Dok B, C).

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra dwar ix-xhieda moghtija mir-rikorrenti u ghalhekk m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita minn dak illi xehdu. It-Tribunal jissimpatizza mas-sitwazzjoni kerha tar-rikorrenti illi minhabba n-negligenza u n-nuqqas ta' professjonalita tal-intimat, kellhom ighaddu minn dan kollu u m'ghandhomx l-ahjar rikordju tal-aktar gurnata importanti f'hajjithom. Ta' dan hadd u xejn ma jista' jikkumpenshom.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu s-somma ta' €2,706 li jinkludu €1,300 li huwa parti mill-prezz totali tal-pakkett li thallas lill-konvenut u €1,306 li huma spejjes ghal *photographer* il-gdid. Apparti l-fatt illi r-rikorrenti ma gabu l-ebda prova illi dan l-ahhar ammonti effettivament thallas, mix-xhieda tar-rikorrenti stess jidher illi l-fotografu l-gdid ma jistax jahdem minghajr ma jkollu ir-ritratti High Resolution, li diga xehdet li m'ghandhiex. Gie prezentat email (Dok D) li ntbaghat mill-fotografu l-gdid Paul Mizzi li ma xehedx f'dawn il-proceduri. Appart l-fatt li l-ammonti indikati fl-email zgur ma jammontawx ghal €1,305, it-Tribunal ma jahsibx illi huwa l-kaz illi joqghod jipprova jifhem kif ir-rikorrenti wasslu

ghal din il-figura, meta ma ngabitx prova illi dawn attwalment thallsu u meta hemm ammissjoni mir-rikorrenti stess illi ma jistax isir *editing* mir-ritratti Low Resolution.

Ikunsidra

Illi ma hemmx dubju illi l-intimat wera nuqqas ta' serjeta u professjonalita' kbira. Dan ma kienx kapaci jonora l-obbligazzjoni tieghu u s-servizz illi ta lir-rikorrenti kien fl-ahjar 'piece-meal'. Dan kien ta' inkonvenjent u dannu kbir ghar-rikorrenti ghax kif gja nghad gurnata ohra bhal dik ma tergax tigi u dak illi ntilef f'dik il-gurnata intilef ghal dejjem. Din in-nuqqas ta' professjonalita' tirrifletti ruhha wkoll fil-komportament tal-intimat quddiem dan it-Tribunal fejn minkejja li t-Tribunal laqa' talba tal-intimat ghal differiment sabiex ikun jista' jaghti x-xhieda tieghu, dan baqa' ma deherx u lanqas ma ta spjegazzjoni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu.

Madankollu t-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jilqa' t-talba shiha illi ghamlu r-rikorrenti peress illi kif gja nghad, tajjeb jew hazin, xi servizzi hadu minghand l-intimat u ghalhekk l-€1300 li hallsu jinkludi wkoll l-affarijiet illi nghataw. Pero' sejjer jilqa' wkoll it-talba ghal danni morali peress illi dan issemma fl-avviz u mhemmex dubju li r-rikorrenti ghaddew minn perjodu ta' inkwiet u tensjoni minhabba dan l-agir irresponsabbli tal-intimat.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' in parte it-talba tar-rikorrenti u jiffissa il-kumpens dovut arbitrio bono viri fis-somma ta' €1,300 - kwantu ghal elf Euro danni effettivi kawzati minhabba l-agir irreponsabbli tal-intimat li ma onorax il-ftehim u kwantu ghal tlett mitt Euro danni morali li sofrew ir-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru